MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1051/1995/1

**Mario Mallia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "Conmal Limited"**

**v.**

**Eleno *sive* Lino Bezzina**
**u n-Nutar Antoine Agius LL.D.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Awissu 1995, Mario Mallia l-attur nomine ppremetta li kien akkwista tliet bicciet art b'kuntratt ippublikat fil-25 ta' Jannar 1993 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri. Illi fl-imsemmi kuntratt il-konvenut Eleno *sive* Lino Bezzina kien deher fuq l-istess f'isem il-proprjetarji Venera Grech, Carmela Catania, Teresa Degiorgio u Mario Bugeja permezz ta' zewg prokuri datati wahda 18 ta' Jannar 1993 u l-ohra 21 ta' Jannar 1993, liema prokuri kienu attestati min-Nutar Antoine Agius, li wkoll agixxa bhala xhud tal-firem. Izda s-sidien, ahwa Bugeja, qed jikkontendu li huma qatt ma awtorizzaw lil Bezzina jidher f'isimhom jew iffirmawlu xi prokura tant li ddenunzjaw il-kaz lill-Pulizija u l-istess Bezzina jinsab mixli b'qerq u falsifikazzjoni ta' firem.

Kompla jippremetti li stante li hu ghandu interess jottjeni dikjarazzjoni li l-prokuri imsemmija huma falsifikati u li din il-falsifikazzjoni saret mill-konvenuti jew xi wiehed minnhom, u dan sabiex ikun jista' jirregola ruhu kemm fir-rigward tal-flus li thallsu fuq il-kuntratt imsemmii, kif ukoll ghall-eventwali kawza ghad-danni sofferti minnu kontra min jirrizulta li huwa responsabbli skond il-ligi, talab li l-Qorti:

i) tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, iffalsifika l-firem ta' Venera Grech, Carmela Catania, Teresa Degiorgio u Mario Bugeja, jew kienu konsapevoli li dawk il-firem kienu falsifikati;

ii) tiddikjara li l-prokuri datati 18 u 21 ta' Jannar 1993 huma foloz u li m'ghandhom ebda effett legali, b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni lilu spettanti kontra l-konvenuti jew wiehed minnhom.

L-attur noe. talab ukoll l-ispejjez.

**<u>IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT IN-NUTAR ANTOINE AGIUS</u>**

2. B'nota pprezentata fid-9 ta' April 1996, dan il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

i) Illi filwaqt li jaqbel li z-zewg prokuri huma foloz ghaliex la huma miktuba u lanqas iffirmati minnu, l-

allegazzjoni li huwa ffalsifika l-firem jew li kien jaf li dawk il-firem huma falsifikati hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

ii) F'kull kaz, kien l-attur li naqas li jaghmel id-debiti ricerki qabel ma ffirma l-kuntratt u ghalhekk ma jistax jitlob danni konsegwenza tan-nuqqas tieghu.

**IL-KONTUMACJA TAL-KONVENUT BEZZINA**

3. Il-konvenut l-iehor, Eleno *sive* Lino Bezzina ghalkemm gie notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni, notifika li hadet bosta snin peress li l-ahhar pubblikazzjoni kienet saret fil-15 ta' Jannar 2000, baqa' kontumaci.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, il-Qorti ta' l-ewwel grad wara li gharblet il-provi prodotti quddiemha, spjegat illi kien irrizulta li l-konvenut Eleno *sive* Lino Bezzina kien deher f'isem is-sidien ta' proprjeta` fuq l-att ta' bejgh tal-25 ta' Jannar 1993 permezz ta' zewg prokuri, fuq liema prokuri kien hemm timbru tan-Nutar Agius u dik li tidher bhala l-firma tieghu bhala xhud tal-firem tal-mandanti u l-mandatarju. Is-sidien izda ma kienux awtorizzaw lil Bezzina biex jidher f'isimhom u ghalhekk istitwew kawza fl-ismijiet Venera Grech et v. Mary Mallia noe et, li minnha ma sar ebda appell, fejn fuq ammissjoni ta' Bezzina stess gie dikjarat illi l-prokuri kienu foloz u illi Bezzina ma kellu ebda setgha li jidher fuq il-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1993 f'isem is-sidien li qatt ma kienu awtorizzawh u konsegwentement gie deciz illi l-kuntratt de quo ma kienx jiswa. Il-Qorti kompliet tghid li l-istess ammissjoni saret mill-konvenut Bezzina anke meta xehed fil-kawza bin-numru tac-citazzjoni 1053/1995 u li ai termini ta' l-artikolu 693 tal-Kap.12 din l-ammissjoni hija prova bizzejjed kontra tieghu.

Fir-rigward tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor, in-Nutar Antoine Agius, il-Qorti spjegat illi mill-provi rrizulta li l-falsifikazzjoni tal-prokuri kienet saret mill-konvenut Bezzina billi dan kiseb kopja tat-timbru tan-nutar, qasqasha u qeghdha fuq formola vojta ta' prokura u mbaghad bil-ghajnuna ta' certu Manwel Bugeja iffalsifika l-firem. Ghalhekk in-nutar ma kien jaf b'xejn u l-firem ma

sarux quddiemu u ma ffirmax bhala xhud tal-firem. Kompliet izda li qabel ma gie ppublikat il-kuntratt in-Nutar Spiteri kien baghat lil Mario Mallia ghand in-Nutar Agius biex dan jistaqsih jekk il-prokuri kienux tajbin, u skond dan Mallia n-nutar Agius wara li ra l-prokuri, serrahlu rasu u qallu li kienu hargu minn taht idejh. Din ix-xiehda hija wkoll korroborata minn Joseph Mallia missier l-attur, li kien mieghu meta sar kollox. Ziedet tikkummenta li n-Nutar Agius kien naqas meta ma ndunax illi l-firma fuqhom ma kenitx tieghu u konsegwentement ma mexiex bl-ghaqal mistenni min-Nutar Pubbliku u kien hati ta' *culpa*.

Ghalhekk iddecidiet illi:

i) il-konvenut Eleno Bezzina kien ghamel prokuri foloz u nqeda' bihom biex jidher f'isem terzi meta dan ma kienx minnu;

ii) dawn il-prokuri ma jiswewx;

iii) il-konvenut l-iehor, in-Nutar Agius, ghalkemm ma kellu ebda sehem fil-falsifikazzjoni, naqas li jimxi bil-ghaqal meta, wara li ntwerew lilu l-prokuri, qabel ma l-konvenut Bezzina kien lahaq inqeda bihom, ikkonferma li kienu hargu minn taht idejh, bla ma ezaminahom sew, ghalkemm fihom infushom kellhom sinjali bizzejjed biex juru illi dan ma kienx minnu.

iv) ikkundannat lill-konvenut Bezzina ihallas seba' partijiet minn tmienja ta' l-ispejjez u lin-Nutar Agius ihallas l-ispejjez rimanenti.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT IN-NUTAR ANTOINE AGIUS</u>**

5. Il-konvenut, in-Nutar Antoine Agius hassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti ta' Prim Istanza u intavola appell minnha, kif ukoll mid-digriet moghti minn dik il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 2002.

Fir-rigward tad-digriet taghha tas-7 ta’ Ottubru 2002 jissottometti li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ma akkordatlux smigh xieraq meta cahdet it-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex, tenut kont tac-cirkostanzi, il-Qorti setghet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u akkordatlu l-fakolta` li jaghti x-xiehda tieghu. In sostenn ta’ dan l-aggravju tieghu jissottometti li huwa ma kienx xehed ghaliex id-difensur tieghu kien gie elevat ghall-Gudikatura u d-differiment relattiv gie trasportat hazin fid-djarju, anke peress li l-agir frawdolenti tal-konvenut l-iehor Eleno Bezzina kien wassal ghal diversi kawzi. Jispjega li rrealizza li kellu jixhed fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2002 wara li din is-seduta kienet diga` ghaddiet. F’kull kaz jghid li din il-kawza kienet ilha miexja bis-sulluzzu u li kien gie impjegat xejn anqas minn erba’ snin u nofs biex l-attur nomine beda l-provi tieghu u l-istess attur kien ha diversi seduti biex innotifika lil Eleno Bezzina.

Fir-rigward tas-sentenza finali moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad fis-6 ta’ Marzu 2003 jissottometti s-segwenti zewg aggravji:

(1) Id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad li l-appellant kien hati ta’ *culpa* hija *extra petita*. Jillanja li l-Qorti ta’ prim istanza kellha zzomm mat-termini taz-zewg talbiet tas-socjeta` attrici li jirrigwardaw il-falsifikazzjoni ta’ firem ta’ prokuri, ossija frodi. Ghaldaqstant, la darba dik il-Qorti, ikkonkludiet illi l-appellant ma kellux xi sehem biex saru l-prokuri in kwistjoni u li dawn gew iffalsifikati mill-konvenut l-iehor, kienet obbligata tieqaf hemm u mhux tidhol fi kwistjonijiet li ma gewx mitluba minnha, cioe` x’seta gara wara li Mario Mallia allegatament mar juri lill-appellant il-prokuri, qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, fatt kontestat mill-appellant. Jishaq illi l-ewwel Qorti kienet obbligata toqghod fil-limiti tal-vertenza bejn il-partijiet “mhux biss ghax il-*culpa* m’hijiex kompriza fid-dolo izda wkoll peress li ma setghetx tidhol fi kwistjonijiet mhux mitluba u lanqas biss premessa (sic) fic-citazzjoni attrici.”

(2) In linja sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-ewwel lanjanza tieghu jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti involuti u tal-ligi, u waslet

ghall-konkluzjoni zbaljata li l-appellant kellu xi htija fil-prokuri falsifikati ghaliex ma mexiex bil-ghaqal kif mistenni minnu skond il-ligi. Jillanja li dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni minghajr ma kkonsidrat il-provi kollha mressqa u ddecidiet dan leggerment u b'mod affrettat minghajr ma ntebhet b'certi provi mressqa, jew bi provi li ghalihom saret referenza, li juru, li wara li gew falsifikati l-prokuri, l-affarijiet ma grawx kif ikkonkludiet il-Qorti u li l-appellant kien mexa skond kif tirrikjedi l-ligi, kif se jigi spjegat:

i) Mario Mallia, iben Joseph Mallia, qatt ma mar ikellmu dwar il-prokuri. Kien mar ikellmu Joseph Mallia wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1993, u meta s-sidien kienu diga` rcevew ir-ricevuta tal-"capital gains tax". Dan jirrizulta mix-xiehda li hu ta fil-kawza fl-ismijiet George Grech et v. Eleno *sive* Lino Bezzina et (Cit. nru – 1020/1995) li giet esebita a fol 140 tal-process u li l-ewwel Qorti kienet tenuta tezamina ladarba saret riferenza ghaliha u giet anke esebita s-sentenza. Kopja legali ta' din id-deposizzjoni qed tigi esebita ma' l-appell odjern ghal facli referenza.

ii) Tant ra l-prokuri wara li kien sar il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, illi Joseph Mallia kien urih fotokopji li kellhom il-firem tal-partijiet u tan-Nutar Tonio Spiteri fuqhom, l-istess bhad-dokumenti B u C esebiti fil-process, liema fatt jindika li l-prokuri kienu diga` gew annessi mal-kuntratt ippubblikat u kienu ffirmati mill-partijiet u min-Nutar. Hu kien in fatti ghamel kopji ta' dawn il-prokuri u esebihom ukoll fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Joseph Mallia noe v. Eleno *sive* Lino Bezzina et, kif anke jirrizulta mix-xiehda ta' l-ispettur Kevin Ellul Bonici li qal li fit-22 ta' Frar 1993 l-appellant kien mar ghandu u qallu li fid-19 ta' Frar kien mar ikellmu Guzeppi Mallia u wara li urieh tliet prokuri staqsieh kienux tieghu.

iii) L-ewwel Qorti naqset li tirrikonoxxi li x-xiehda ta' Joseph u Mario Mallia kienet fabbrikata – il-prokuri huma datati 18 u 21 ta' Jannar 1993 rispettivament, u l-kuntratt sar fl-25 ta' Jannar 1993, izda Joseph Mallia fl-affidavit

tieghu qal li hu mar ikellem lill-appellant "xi gimghatejn qabel gie ffirmat il-kuntratt."

iv) Il-fabbrikazzjoni ta' l-evidenza tidher car meta Mario Mallia jghid li dik in-nhar tal-kuntratt Bezzina kien qalilhom li wiehed mis-sidien ma setax jigi u li hu kellu l-prokuri ta' kulhadd. Il-qerq f'dan l-affidavit jirrizulta mill-fatt li stante li s-sidien jinsistu li huma ma bieghu xejn, ma jistax ikun li kien sar konvenju, ghaliex il-prokuri li kellu l-konvenut Bezzina kienu datati 18 ta' Jannar u 21 ta' Jannar 1993. Lanqas ricerki ma saru. Jitaqsi ghalfejn din l-ghaggla kollha biex il-kumpratur jakkwista din l-art fi ftit granet?

L-appellant jissottometti li ghalhekk it-tezi tieghu li Joseph Mallia kien mar ikellmu wahdu, wara li s-sidien ta' l-art ircevew l-ircevuta tat-taxxa, cioe` wara li gie ppubblikat il-kuntratt, hija verosimili. Li kieku l-atturi verament marru ghandu qabel il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasferiment huwa kien certament jinduna li l-prokuri kienu foloz u li ma kienux gew nies ghandu ghal dan l-iskop dik il-gimgha stess, u fil-kaz ta' l-ahhar wahda l-gurnata ta' qabel. Inoltre, it-18 ta' Jannar kien il-jum tat-Tnejn, u l-21 ta' Jannar, il-Hamis u skond ix-xiehda tan-Nutar Spiteri, meta l-atturi marru ghand in-Nutar Spiteri, il-prokuri kienu diga` fil-*file* tieghu.

v) Ix-xiehda tal-konvenut fil-kawza fl-ismijiet Joseph Mallia noe. et. v. Eleno Bezzina et skagunat lill-appellant kompletament.

vi) Huwa mexa b'ghaqal kif kien tenut jaghmel skond il-ligi u meta sar jaf bil-falsifikazzjoni mar jirraporta l-kaz lill-Pulizija, ghenha fl-investigazzjonijiet li ghamlet u li wasslu ghall-bidu ta' proceduri kriminal kontra l-konvenut l-iehor u konsegwenti kundanna.

Ghaldaqstant talab li din il-Qorti joghgobha:

i) tirrevoka d-digriet tal-Prim Awla tas-7 ta' Ottubru 2002 u takkordalu l-opportunita` li jaghti x-xiehda tieghu;

ii) tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Istanza fis-6 ta’ Marzu 2003 billi:
a) tikkonfermaha in kwantu qalet li l-konvenut l-iehor Eleno *sive* Lino Bezzina kien ghamel prokuri foloz u li ma jiswewx u li l-appellant ma kellu ebda sehem fil-falsifikazzjoni tal-prokuri;

b) tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ *culpa* u ghalhekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu u tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**<u>NOTIFIKA TAL-PARTIJIET L-OHRA</u>**

6. Jigi rilevat illi ghalkemm il-partijiet l-ohra fil-kawza gew it-tnejn notifikati fil-25 ta’ Marzu 2003, bir-Rikors ta’ l-Appellipprezentat minn Nutar Agius ma giet ipprezentata ebda risposta minnhom ghal dan ir-Rikors ta’ Appell, ghalkemm id-difensur tas-socjeta` appellata ttratta l-appell fis-seduta ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Marzu 2006, fejn imbaghad l-appell gie differit ghas-sentenza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

7. 1. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appell odjern ma jirrigwardax biss is-sentenza tas-6 ta’ Marzu 2003, li ddecidiet il-vertenza bejn il-partijiet b’mod finali, izda l-appellant qed jappella wkoll mid-digriet moghti *in camera* fis-7 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti kienet cahdet it-talba tieghu biex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex huwa jkun jista’ jixhed u jressaq il-provi tieghu, u dan ghaliex fil-fehma ta’ dik il-Qorti “r-rikorrent kellu okkazzjoni jixhed fl-10 ta’ Novembru 2000, fit-22 ta’ Gunju 2001 u fl-10 ta’ Mejju 2002, izda ebda darba ma deher.” Skond l-appellant izda, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti setghet akkordat it-talba tieghu biex jaghti x-xiehda tieghu. Jillanja li b’din ic-cahda il-Qorti ma akkordatlux smigh xieraq.

7.2. Dan il-gravam huwa bbazat fuq l-artikolu 229(1)(m) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li appell minn digriet li “ma jilqax talba ghal waqfien fil-

procediment", liema digriet mhux mehtieg li jinghata bil-miftuh u jista' jinghata minghajr ma l-Qorti hija tenuta tisma' lill-partijiet qabel ma tippronunzja ruhha[1], jista' jsir biss wara l-ghoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza.  L-ghan wara dan l-artikolu hu li jigu evitati l-kwantita` ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment tal-kawzi fil-Prim Istanza bl-uniku skop li jitwalu l-proceduri.

7.3. Fil-korp tar-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jiggustifika dan l-aggravju tieghu billi jghid li naqas li jattendi ghas-seduta tal-10 ta' Mejju 2002 (l-ahhar seduta qabel ma giet moghtija s-sentenza), fejn hu kellu jaghti x-xiehda tieghu peress li kien sprovvist mill-avukat ta' fiducja tieghu li kien gie elevat ghall-Gudikatura u d-differiment relattiv kien gie trasportat hazin fid-djarju ghal data ohra.

7.4. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process biex tiddetermina jekk il-lanjanza ta' l-appellant hijiex gustifikata u tirrikapitula s-segwenti fatti antecedenti ghad-digriet, llum appellat:

(1) Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2000[2] kienu gew maghluqa l-provi attrici, hlief ghax-xiehda ta' Eleno Bezzina li ma kienx deher dakinhar.  Il-Qorti kienet ghalhekk ordnat li dan Bezzina jittella' bi skorta fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001 u ddiferiet il-kawza ghall-provi tal-konvenuti ghall-istess data, biex tinstema' bejn l-ghaxra u l-hdax ta' filghodu.  Dik in-nhar il-konvenut, appellant odjern, ma kienx prezenti izda kien hemm biss id-difensur tieghu, Dr. Tonio Mallia, li llum gie elevat ghall-Gudikatura.

(2) Fis-seduta tat- 22 ta' Gunju 2001[3], il-konvenut rega' kien assenti ghas-seduta tal-Qorti u kien hemm biss id-difensur tieghu li laqa' in-notifika ta' l-affidavit tan-Nutar Spiteri u rriserva d-dritt tal-kontroezami tax-xhud.  Gie wkoll miftiehem bejn id-difensuri tal-partijiet li x-xhieda

---

[1] D. Gatt et v. V. Said – PA  - deciza 1 ta' Dicembru 1997
[2] fol 129-130
[3] fol 171-172

moghtija mill-konvenut Bezzina fil-kawza fl-ismijiet **J. Mallia noe. v. Eleno Bezzina et** (cit nru - 1053/95) kellha tigi meqjusa mill-Qorti f'din il-kawza wkoll. Imbaghad il-Qorti kienet iddiferiet il-kawza ghall-10 ta' Mejju 2001 tinstema' bejn il-hdax sal-hdax u nofs biex dik in-nhar isir il-kontroezami tan-Nutar Tonio Spiteri u biex jixhed il-konvenut, appellant odjern u hekk jinghalaq il-gbir tal-provi.

(3) Permezz ta' nota tas-16 ta' Lulju 2001[4] il-konvenut ipprezenta kopja ufficjali tax-xhieda ta' Eleno Bezzina kif kien miftiehem fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001.

(4) Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2002[5] kien deher biss id-difensur tas-socjeta` attrici. Dik in-nhar il-Qorti sejhet lill-konvenuti tlett darbiet, izda la l-appellant u lanqas in-Nutar Spiteri, li suppost gie ingunt mill-konvenut biex jixhed in kontro-ezami ma dehru. Anzi mill-atti ma jidhirx li dan ix-xhud kien gie ingunt. Dik il-Qorti, kienet ghalhekk iddikajrat il-gbir tal-provi maghluqa filwaqt li tat il-fakolta` lill-partijiet, inkluz lill-konvenut Nutar Antoine Agius, jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub. Iddiferiet imbaghad il-kawza ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2003.

(5) Fl-4 ta' Ottubru 2002[6], gie pprezentat rikors minn Nutar Agius fejn dan talab lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza. Izda dan gie michud bid-digriet li minnu qed isir l-appell odjern.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza ma tirravvizax xi irritwalita` jew xi ksur tal-principju ta' l-*audi alteram partem* fil-mod kif gew kondotti l-proceduri quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza. Fil-kaz prezenti l-appellant odjern mhux qed jallega li huwa deher fid-data li fiha kellu jtella' l-provi u baqa' ma nstemax – anzi kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti huwa ma deher qatt fit-tliet seduti precedenti. Dik il-Qorti tat l-opportunita` lill-konvenut li jipproduci l-provi tieghu u anke biex jixhed izda ghazel li ma jattendix. Is-seduta tal-10 ta' Mejju 2002 giet iffissata ghall-provi tal-

[4] fol 173
[5] fol 179-180
[6] fol 181

konvenut u tali differiment gie moghti kwazi sena qabel, izda x-xhud ma giex ingunt u l-konvenut jghid li ma kienx jaf bid-differiment, u dan minkejja li seta' ghamel il-verifiki tieghu mar-Registru tal-Qrati Superjuri. Jirrizulta car li l-appellant ma kienx qed isegwi l-andament tal-kawza pendenti kontra tieghu quddiem il-Qorti, obbligu li huwa impost fuq il-parti fil-kawza u mhux fuq id-difensur tieghu. Ma jidher li kien hemm ebda ksur ta' smigh xieraq stante li kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fil-kawza fl-ismijiet **J Falzon v. Anth. Debono noe**[7]**,** il-principju ta' l-*audi alteram partem*,
"ma jimpurtax illi f'gudizzju hu assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament, u cioe` kieku ma setghetx taht ebda cirkostanza tinghata sentenza hlief wara s-smigh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta' kawza billi jibqa' passiv jew jipprokastina indefinittivament… hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smigh ta' provi legittimi offerti minnu jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun notifikat bihom u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba n-nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz *imputet sibi*."

Kien dover tieghu li jidher biex ikun jista' jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu u li jiehu hsieb l-andament tal-kawzi kollha li fihom kien parti. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

8 Jibqa' li jigu trattati il-pregudizzjali li gew sollevati mill-appellant fir-rigward tas-sentenza finali tas-6 ta' Marzu 2003 u cioe` li:

i) id-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li l-appellant hu hati ta' *culpa* hija *extra petita*;

[7] Appell Superjuri (Kummerc) deciz 13 ta' Jannar 1975

ii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti involuti u tal-ligi applikabbli u bla ma kkonsidrat il-provi kollha mressqa, waslet ghall-konkluzjoni zbaljata li l-appellant kellu xi htija, ghaliex skond l-ewwel Qorti huwa ma mexxiex bil-ghaqal li tirrikjedi minnu l-ligi.

9.1. Din il-Qorti sejra tissofferma ruhha fl-ewwel lok fuq l-ewwel lanjanza ta' l-appellant stante li jekk jinstab li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad hija tassew *extra petita*, ma jkunx hemm il-htiega li jigi trattat it-tieni gravam ta' l-appellant.

L-appellant jikkontendi li l-Qorti kellha zzomm mat-termini tat-talbiet attrici li t-tnejn jikkoncernaw il-falsifikazzjoni tal-firem fuq il-prokuri, ossija il-frodi, u ma setghetx tidhol fi kwistjonijiet mhux mitluba minnha jew premessi fic-citazzjoni u tindaga x'seta' gara wara li Mario Mallia allegatament mar ghandu qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1993.

9.2. Hu principju generali accettat illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri[8]. Hija regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza li l-Qorti fid-determinazzjoni tal-kawza ghandha toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali, ossija r-raguni guridika tat-talba, u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza ghandha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji ta' dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut[9]. Dan b'mod li l-Qorti "ma tistax tiddeciedi fuq cirkostanzi u fatti ohrajn li ma jidhlux f'dik il-kawzali jew kawzalijiet"[10] u "l-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed.[11]"

---

[8] Kollezz Vol XLII pI p86

[9] Appell Superjuri - Paul Gauci et v. J. Mugliette Cit nru – 712/1982 - deciz 9 ta' Frar 2001

[10] Mizzi noe v. Pace – PA - deciza 3 ta' Novembru 1982

[11] Vol XXXIX pt I p 243

9.3. Fil-kaz prezenti jirrizulta li l-azzjoni giet intentata mill-attur sabiex huwa jottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti li l-prokuri tat-18 u l-21 ta' Jannar 1993, uzati mill-konvenuti Eleno Bezzina, u attestati mill-appellant li jirrizulta li ffirma bhala xhud tal-firem, kienu falsifikati, u li din il-falsifikazzjoni saret mill-konvenuti jew xi hadd minnhom – dan sabiex l-attur noe. ikun jaf x'passi ghandu jiehu biex jirkupra l-flus sborzati minnu fuq il-kuntratt ta' akkwist kif ukoll biex eventwalment ikun jista' jfittex lil dawk responsabbli ghad-danni. Ghaldaqstant talab lill-Qorti:
"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom iffalsifika l-firem ta' Venera Grech, Carmela Catania, Tereza Degiorgio u Mario Bugeja jew kien konsapevoli li dawk il-firem kienu falsifikati; u

2. Sussegwentement jew indipendentement mill-ewwel talba jigi wkoll dikjarat li l-prokuri rispettivament datati 18 u 21 ta' Jannar 1993 huma foloz u li m'ghandhom ebda effett kwalunkwe fil-ligi, b'riserva cara ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti jew min minnhom."

Konsegwentement dak li kellha tistabilixxi l-ewwel Qorti kien jekk il-konvenuti jew xi hadd minnhom kienx iffalsifika l-prokuri u f'kaz li jigi stabbilit li wiehed biss kien involut fil-falsifikazzjoni, riedet tiddeciedi jekk il-konvenut l-iehor kienx konsapevoli li l-prokuri kienu foloz. Dik il-Qorti kienet ikkonkludiet illi mill-provi, fosthom mill-istess stqarrija tal-konvenut Eleno Bezzina, kien irrizulta li dan kien iffalsifika l-prokuri bl-ghajnuna ta' certu Manwel Bugeja. In fatti, spjegat illi kien irrizulta li biex saret din il-falsifikazzjoni "Bezzina kien kiseb kopja ta' l-istampa tat-timbru tan-nutar, qasqas il-kopja u qeghda fuq forma vojta ta' prokura u ghamel fotokopja biex it-timbru jkun jidher li sar fuq il-prokura, imbaghad bil-ghajnuna ta' certu Manwel Bugeja iffalsifika l-firem.[12]" Fil-konfront tan-Nutar Antoine Agius sabet li l-firem ma sarux quddiemu u li l-appellant ma kienx xhud tal-firem u b'hekk hu "ma kellu ebda htija ghall-falsifikazzjoni, ghax din saret bla ma kien jaf u bla ma kellu ebda sehem fiha.[13]" Dik il-Qorti, izda ma waqfitx

[12] fol 4 tas-sentenza appellata
[13] fol. 5 tas-sentenza appellata

hemm u sabet li l-konvenut Agius kien hati ta' *culpa* "ghax meta ntwera l-prokuri qabel mal-konvenut Bezzina seta' jinqeda bihom, ma ntebahx illi l-firma fuqhom ma kenitx tassew tieghu, u ma fetahx ghajnejn ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici" u ghalhekk in-Nutar "ma mexiex bil-ghaqal mistenni min-Nutar Pubbliku li huwa fdat bis-setgha li jaghti fidi pubblika lid-dokumenti."

9.4. Fil-fehma ta' din il-Qorti izda, meta l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet il-konsiderazzjonijiet suesposti dwar dan il-punt hija marret oltre l-parametri ta' dak li ntalab fl-att tac-citazzjoni. Il-Qorti kienet diga` stabbilit illi l-appellant ma kienx partecipi fil-falsifikazzjoni tal-prokuri, stante li dawn ma sarux quddiemu u lanqas kien jaf b'dak li ghamel il-konvenut l-iehor. Fil- kaz *de quo* t-talbiet attrici huma limitati ghal dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom iffalsifikaw il-firem fuq il-prokuri jew kienu konsapevoli li tali firem kienu falsifikati u mhux fuq jekk l-appellant mexiex bl-ghaqal rikjest minn Nutar Pubbliku. Dan ghaliex kif diga` gie spjegat qabel, il-Qorti ghandha toqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u entro t-termini tac-citazzjoni u ta' l-eccezzjonijiet.

Stante li dan l-aggravju huwa gustifikat din il-Qorti sejra tastjeni milli tittratta l-aggravju rimanenti li jittratta dwar l-apprezzament tal-provi dwar l-allegata htija ta' l-appellant.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. tikkonferma d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u ghalhekk tichad l-appell ta' l-appellant f'dan ir-rigward;

2. tilqa' l-appell tal-konvenut in-Nutar Antoine Agius u tiddikjara li s-sentenza tal-Prim Awla tas-6 ta' Marzu 2003, in kwantu ddecidiet illi l-konvenut Nutar Agius kien hati ta' *culpa* ghaliex "naqas li jimxi bil-ghaqal meta, wara li ntwerew lilu l-prokuri qabel ma l-konvenut Bezzina kien lahaq inqeda bihom, ikkonferma illi kienu hargu minn taht idejh bla ma ezaminahom sew ghalkemm fihom infushom kellhom sinjali bizzejjed biex juru illi dan ma kienx minnu"

hija *extra petita* u ghalhekk tirrevoka dak il-kap tas-sentenza appellata;

3. tikkonferma s-sentenza tas-6 ta’ Marzu 2003, in kwantu qalet li l-konvenut Eleno *sive* Lino Bezzina kien ghamel prokuri foloz u nqeda bihom biex juri li seta’ jidher f’isem haddiehor u li l-konvenut l-iehor, in-Nutar Antoine Agius ma kellux sehem f’din il-falsifikazzjoni u li ladarba l-prokuri huma foloz ma jiswewx;

4. Tvarja l-kap ta’ l-ispejjez u tikkundanna lill-konvenut Eleno *sive* Lino Bezzina jhallas l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-prim istanza;

5. L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom, jithallsu mill-appellati (cioe` minn Mario Mallia noe u Eleno sive Lino Bezzina) *in solidum*, hlief ghal dawk li jirrigwardaw l-appell mid-digriet tas-7 ta’ Ottubru 2001 li ghandhom jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------